MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' April, 2005

Numru. 516/2004

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Michael Micallef, iben Victor,
imwieled Pieta' fil-5 ta' ġunju, 1962

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer fl-1 ta' ġunju, 2004 u fix-xhur ta' qabel, bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil William Rogers minn San Ġiljan u lill-Dr. Peter Muscat, psikjatra, akkużhom quddiem awtorita' kompetenti b'reat, fil-waqt li kien jaf li huma innoċenti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' mejju, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 110(2) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tnax il-xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------